MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 80/2003

**Dominic Departments Stores Limited**

**vs**

**Raymond Pisani**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut xtara f'diversi okkazjonijiet kwantita' ta' materjal tal-bini minghand is-socjeta' attrici.

Illi mill-prezz ta' dawn l-akkwisti ghada dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u sittin lira Maltija u seba' centezmi (Lm62.07) – skond ir-rendikont anness.

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa' ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas sew dan il-bilanc flimkien ma’ l-imghax mid-data ta’ l-ahhar konsenja cioe’ fit-13 ta’ Awissu 2001 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 6 ta’ Gunju 2003.”

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12 );

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2003 u l-anqas dik tallum li fiha il-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m’ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallasha s-somma ta’ LM62.07 bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Gunju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------